Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3120

17.12.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3120**

**tas-16 ta' Diċembru 2024**

**li jawtorizza eżenzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar fil-friżers krijoġeniċi mekkaniċi (– 150 °C)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-punt 4 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573 jipprojbixxi l-introduzzjoni fis-suq ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni awtonomu, ħlief chillers, li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar, mill-1 ta' Jannar 2025, ħlief jekk dan ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' sikurezza fis-sit tal-operat.

(2) Fil-15 ta' Mejju 2024, l-awtoritajiet kompetenti Olandiżi ressqu talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2024/573, għall-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni li permezz tagħha fis-suq tal-Unjoni tkun possibbli l-introduzzjoni ta' friżers krijoġeniċi mekkaniċi (– 150 °C), li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness IV, il-punt 4, tar-Regolament (UE) 2024/573.

(3) Il-friżers krijoġeniċi mekkaniċi (– 150 °C) jintużaw għall-krijopreservazzjoni, jiġifieri l-ħżin ta' organiżmi, ċelloli u tessuti ħajjin f'temperaturi baxxi ħafna, u huma maħsuba għal applikazzjonijiet kritiċi speċjalment fl-oqsma tax-xjenza u l-kura tas-saħħa.

(4) It-talba għall-eżenzjoni tiddikjara li bħalissa l-friżers krijoġeniċi mekkaniċi (– 150 °C) jiddependu ħafna fuq il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' aktar minn 150 u li jeżistu ħafna sfidi tekniċi fl-identifikazzjoni ta' sustanza alternattiva għat-tagħmir b'temperatura daqstant baxxa mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza, l-effiċjenza tal-enerġija u l-prestazzjoni affidabbli tat-tagħmir. L-affidabbiltà tat-tali tagħmir hi essenzjali għall-preservazzjoni. L-iżvilupp tat-tagħmir li jista' juża sustanzi alternattivi għandu bżonn aktar żmien minħabba t-tibdil fid-disinn meħtieġ biex jakkomoda r-refriġeranti b'GWP inqas minn 150 filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib rigward is-sikurezza dwar ir-refriġeranti fjammabbli u s-salvagwardja tal-affidabbiltà. Sabiex jiġi żgurat li l-alternattivi jkunu se jintużaw b'mod sikur u biex il-kostijiet jinżammu f'livell proporzjonat, ikun hemm bżonn iż-żmien biex tiġi ffaċilitata l-bidla għal refriġeranti b'valur GWP inqas minn 150. Barra minn hekk, jeżisti wkoll riskju għad-disponibbiltà tal-prodotti fis-suq, fil-każ li l-manifatturi tat-tali tagħmir ma jkunux jistgħu jibqgħu jipprovduh. Fin-nuqqas ta' eżenzjoni, tali tagħmir ukoll mhux se jkun permess għall-esportazzjoni mit-12 ta' Marzu 2025, f'konformità mal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2024/573.

(5) It-talba għall-eżenzjoni titlob il-perjodu massimu ta' żmien awtorizzat skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2024/573, jiġifieri 4 snin, minħabba l-kumplessità tat-tranżizzjoni għal refriġeranti alternattivi għat-tali tipi ta' tagħmir.

(6) Il-Kummissjoni vvalutat it-talba mressqa mill-awtorità kompetenti Olandiża u tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2024/573 huma ssodisfati. Il-Kummissjoni tqis ukoll li f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn, jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien biex jiġi evitat tfixkil fis-suq fil-provvista ta' tali tagħmir essenzjali. Il-Kummissjoni tqis li perjodu ta' 4 snin ikun ġustifikat f'dan il-każ eċċezzjonali.

([1]) ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj.

(7) Meta jitqies li l-projbizzjoni għall-introduzzjoni fis-suq tal-Unjoni tat-tip ta' tagħmir imsemmi fl-eżenzjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2025, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, stabbilit bl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2024/573,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Anness IV, il-punt 4, tar-Regolament (UE) 2024/573, l-introduzzjoni fis-suq ta' friżers krijoġeniċi mekkaniċi (– 150 °C) li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar hija awtorizzata mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2028, dment li jkun tikkettati skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2024/573.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN